Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. fr, en)

8642/22

LIMITE

CORLX 405
CFSP/PESC 569
RELEX 578
COEST 370
FIN 516

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

1. Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja, li l-isem tagħha ġie emendat biex jinqara "Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna". Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK. Dawn il-miżuri ġew estiżi l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/307 sat-28 ta' Frar 2023.

2. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri restrittivi addizzjonali.

3. Abbażi ta' dan, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill fit-3 ta' Mejju 2022, proposti għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (dok. 8638/22) u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (dok. 8640/22), li jimplimentaw dawk id-dežinjazzjonijiet addizzjonali.

4. Il-COREPER huwa għaldaqstant mistieden:

– jikkonferma l-qbil tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni u ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill;

– jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub sabiex:

  – jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 8639/22;

  – jadotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (UE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 8641/22;

  – japprova l-avviżi kif jinsabu fl-Annessi I u II għal din in-nota;

  – japprova l-abbozz ta' ittra ta' notifika għall-persuni li l-indirizz tagħhom huwa disponibbli, kif jinsab fl-Anness III għal din in-nota.

PUBLIC

ANNESS I

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[*numru*][+] u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill[++++] (UE) 2022/[*numru*]dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[*numru*][+], u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[*numru*][++] dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjoni ta' dawk il-persuni jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, qabel it-30 ta' Novembru 2022, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument 8639/22.

[++] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament fid-dokument 8641/22.

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Secrétariat général
RELEX.1
Rue de la Loi 175
1048 Bruxelles
BELGIQUE

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

PUBLIC

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK u l-Artikolu 8*a*(4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, tal-lista tal-persuni u l-entitajiet ddeżinjati.

ANNESS II

Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja

Qed tingħibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-bażijiet legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni 2012/642/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[*numru*][+], u r-Regolament (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[*numru*][++].

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tar-RELEX (Relazzjonijiet Esterni) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment fdat bl-operazzjoni ta' pproċessar huwa RELEX.1 li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Secrétariat général
RELEX.1
Rue de la Loi 175
1048 Bruxelles
BELGIQUE

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

data.protection@consilium.europa.eu

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument 8639/22.

[++] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament fid-dokument 8641/22.

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[*numru*][+], u r-Regolament (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[*numru*][++].

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar fil-lista kif stabbilit fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kull data oħra marbuta ma' dan.

Id-data personali miġbura tista' tkun kondiviża skont kif meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt ta' aċċess, kif ukoll id-drittijiet ta' rettifika jew ta' oġġezzjoni ser jiġi indirizzat skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal ħames snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew minn meta l-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 (edps@edps.europa.eu).

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument 8639/22.

[++] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament fid-dokument 8641/22.

PUBLIC

ANNESS III

PUBLIC

Template letter for persons whose address is known

This is to inform you that the Council of the European Union has decided to include your [name/company] on the list of persons and entities subject to restrictive measures in the in the Annex to Council Decision 2012/642/CFSP, as implemented by Council Implementing Decision (CFSP) 2022/[*number*]+, and in Annex I to Council Regulation (EC) No 765/2006 as implemented by Council Implementing Regulation (EU) 2022/[*number*]++, concerning restrictive measures in view of the situation in Belarus. The grounds for designation appear in the relevant entries in those Annexes.

Your attention is drawn to the possibility of making an application to the competent authorities of the relevant Member State(s) as indicated in the websites in Annex II to Council Regulation (EC) No 765/2006, in order to obtain an authorisation to use frozen funds for basic needs or specific payments (cf. Article 3 of the Regulation).

You may submit a request to the Council, together with supporting documentation, that the decision to include you on the above-mentioned list should be reconsidered, before 30 November 2022, to the following address:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

e-mail: sanctions@consilium.europa.eu

Any observations received will be taken into account for the purpose of the Council's next review, pursuant to Article 10 of Decision (CFSP) 2019/797, of the list of designated persons and entities.

Your attention is also drawn to the possibility of challenging the Council's decision before the General Court of the European Union, in accordance with the conditions laid down in Article 275, 2nd paragraph, and Article 263, 4th and 6th paragraphs, of the Treaty on the Functioning of the European Union.

[You are also informed of the Notice (2022/C xx/xx)[1] for the attention of the data subjects to whom the restrictive measures provided for in Council Decision 2012/642/CFSP and in Council Regulation (EC) No 765/2006 apply].

PUBLIC

---

1 Official Journal reference